# Il-Ħadd 09.08.2015

1. L-Erbgħa 12/08:
   - Fl-4:30pm – It-Tieni laqgħa mimlija attivitajiet għat-tfal (subien u bniet minn Year 2 sa' Form 2), marbuta mal-ħajja ta' San Pawl. Din ser issir fil-Museum tas-Subien u tispiċċa l-Knisja bil-quddiesa tas-6:30pm. Inħeġġu biex aktar tfal jattendu.

2. Is-Sibt 15/08, **It-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissma - Santa Marija**:
   - Bħala nsara niftakru li għandna d-dmir li nqaddsu dan il-jum bis-sehem tagħna fil-quddiesa, li tkun fl-istess ħinijiet ta' nhar ta' Ħadd.
   - Il-ġbir li jsir fil-quddies ta' dan il-jum ser jkun "l-Offerta ta' San Pietru", jiġifieri Offerta b'risq l-għotjiet ta' karità li jagħmel il-Papa ma' ħutna l-aktar fil-bżonn, speċjalment ma' dawk milqutin minn xi emerġenza, diżastru naturali jew gwerra.

3. Avviżi oħra:
   - F'dawn il-jiem ta' preparazzjoni għall-festa, ikollna bżonn ħafna għajnuna kemm fl-armar u kemm fit-tindif tal-knisja. Napprezzaw ħafna dik id-daqqa t'id li tistgħu toffru. Għall-armar avviċinaw lil Josef Mifsud u għat-tindif ikkuntattjaw lil Ġuża Mifsud jew Rita Formosa.
   - Il-Każin Banda San Pawl jixtieq ifakkar li mil-lum xi membri ser jiġbru l-envelopes b'risq il-festa esterna bejn id-9:00am u 12:00pm, kull nhar ta' Ħadd. Grazzi bil-quddiem.
   - Il-Kunsill Lokali javża li mit-Tnejn 17/08 ser jibdew sessjonijiet ta' qari ntitolati '**Seħer L-Istejjer**'. Dawn is-sessjonijiet huma mmirati għat-tfal minn 4 sa' 6 snin u l-ġenituri/kustodji tagħhom, u jsiru kull nhar ta' Tnejn fil-Librerija Pubblika ta' Ħal Safi.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 305 bħala ġabra speċjali li saret b'risq ir-restawr ta' San Pawl u l-manutensjoni tal-Knisja;
   - € 975 bħala donazzjonijiet b'risq l-Arbural tal-Festa;
   - € 395 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl.

   Grazzi mill-qalb u lil min għadu ma tax is-sehem tiegħu nitolbu ma joqgħodx lura.

5. Nitolbu għal Esther Zammit li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...